MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 361/2000/1

**Anthony Buttigieg**
**vs**
**Carmel Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fid-29 ta' Novembru 1998 l-attur safa mtajjar minn xarabank li kien qieghed isuq il-konvenut gewwa bieb il-Belt Valletta u kagun ta' dan l-attur korra u sofra danni kif jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza

U peress illi ghal dan l-incident u korriment tal-attur sehh minhabba t-tort, negligenza, traskuragni u nuqqas ta osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min naha tal-konvenut

U peress illi l-konvenut gie interpellat mill-attur sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti izda baqa inadempjenti

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-korriment li garrab l-attur fid-29 ta' Novembru 1998 u ghad-danni kollha konsegwenzjali

2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur jekk hemm bzonn bl-opra ta periti nominandi

3. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal 23 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenut li min issa huwa ngunt ghas-subizzjoni
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-esponent qatt ma oppona li favur l-attur issir likwidazzjoni u jithallsu d-danni minnu attwalment u realment subiti bhala konsegwenza tal-incident de quo.

2. Illi d-danni pretizi mill-attur huma esagerati jew infondati ghax imorru ben oltre d-danni attwalment u materjalment subiti minnu bhala konsegwenza tal-incident de quo.

3. Illi l-eccipjent m'ghandux ibati spejjes fil-kaz illi d-danni pretizi mill-atturi jirrizultaw esagerati jew infondati.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob d-danni minnu sofferti konsegwenzjali ghall-incident li sehh fid-29 ta’ Novembru 1998 meta l-attur waqt li kien qieghed fil-venda tal-karrozzi tal-linja safa’ mtajjar minn xarabank misjuq mill-konvenut.

Illi rizultat ta’ dan l-incident l-attur, li f’ dak iz-zmien kien jahdem bhala xufier ta’ l-karrozza tal-linja ta’ missieru, sofra griehi bil-konsegwenza li, ghalkemm l-griehi ma kkagunawx debilita’ permanenti fl-attur, huwa ma setghax jahdem bhala xufier ghal certu perijodu li skond l-attur estenda mit-30 ta’ Novembru 1998 sas-17 ta’ Jannar 2004. Mix-xhieda medika rrizulta li minhabba l-feriti li sofra l-attur dana ma setghax jaghmel xoghol ta’ strapazz, inkluz isuq xarabank.

Illi skond il-versjoni tal-attur, dana kien impjegat ma’ missieru Angelo Buttigiet bhala xufier, u ta’ dan ix-xoghol missieru kien ihallsu Lm17 kuljum mic-cheque li huwa kien jircevi mill-Awtorita’ tat-Trasport. L-attur spjega li rizultat tal-fatt li ma setghax imur ghax-xoghol f’ dak il-perijodu, huwa kien tilef b’ kollox Lm833 rapprezentati paga ghall-perijodu fuq indikat. Minn dan l-ammont l-imghallem tal-konvenut hallsu Lm119, izda l-kumplament ma thallasx u il-konvenut kien qed jirrifjuta li jaghmel tajjeb ghal dan il-bilanc ta’ Lm714. Oltre dan, l-attur qed jippretendi li jithallas tal-medicini li kellu jixtri ghall-ugigh.

Fix-xhieda tieghu l-attur spjega ulterjorment li fil-fatt missieru kien offrielu li jkompli jhallsu matul l-imsemmi perijodu nonostante li l-attur ma setghax jahdem bix-xarabank, izda l-attur irrifjuta li jithallas ta’ xoghol li ma kienx ser jaghmel u minflok tqabbad driver iehor, Sean Bartolo, sabiex isuq il-vettura sakemm l-attur jirritorna ghax-xoghol. Skond dan Bartolo Angelo Buttigieg kien jhallsu bir-rata ta’ Lm17 kuljum.

Illi l-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li ma kkontestax r-responsabbilita' tieghu ghall-akkadut, kkontesta l-quantum tad-danni pretizi. Huwa sostna li l-attur ma kienx gustifikat jaghmel dak il-perijodu kollu ma jidholx ghax-xoghol. Inoltre, fit-trattazzjoni akkampa mal-fatt li missier l-attur kien offrielu li jibqa' jhallsu l-paga anki fl-imsemmi perijodu. Il-konvenut sostna li l-attur ma kienx gustifikat li jirrifjuta din l-offerta u fl-istess hin jippretendi li jithallas tad-danni li sofra konsistenti principalment f' telf ta' paga.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Rigward ir-responsabbilita' tal-konvenut ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur, ma hemmx kuntrast. Izda l-konvenut qed jikkontesta kemm l-esistenza tad-danni pekunjarji, kif ukoll il-quantum tat-taghhom.

Illi rigward it-tesi tal-konvenut li l-attur ma kienx intitolat li jippretendi danni minghandu wara li kien irrifjuta l-offerta ta' missieru li jibqa' jhallsu l-paga, u dan nonostante li ma setghax isuq ix-xarabank, il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li d-danneggjat ghandu l-obbligu li jimminimizza d-danni sofferti minnu; dan pero' ma jobbligax lill-attur li jaccetta li jithallas ta' xoghol li hu ma kienx jista' jaghmel. Id-danni gew kaggjonati lilu minhabba agir illegali da parti tal-konvenut, u l-konvenut ghandu jirrispondi ghall-konsegwenzjali danni li f' dan il-kaz jammontaw ghat-telf ta' paga rizultat ta' telf ta' xoghol. L-offerta li kien ghamillu missieru, ovvjament *qua* missier, hija cirkostanza estranea ghar-rapport guridiku li nholoq bejn il-kontendenti. Ghaldaqstant din is-sottomissjoni intiza biex tezonera lill-konvenut mill-obbligu tieghu li jaghmel tajjeb ghad-danni kaggjonati minnu, hija insostenibbli legalment.

Illi rigward il-quantum tad-danni mitluba, il-Qorti wara ezami rett tal-provi, hija propensa li taqbel li dan huwa superjuri ghal dak li 'attwalment u realment' issubsixxa il-konvenut; u dan fuq is-segwenti riflessjonijiet:

Fl-ewwel lok, ghandu jigi ribadit il-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u ghalhekk huwa l-oneru tal-attur li jigib il-provi sodisfacenti f' dan ir-rigward. Inoltre, jigi osservat li mal-principju li min jallega irid jipprova l-fatti minnu allegati hemm marbut il-principju l-iehor u cioe' li l-Qorti ghandha tesigi l-ahjar f' prova.

F' dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li, ghalkemm l-attur qed isostni li kien jircevi Lm17 kuljum paga, huwa, ghajr ix-xhieda ta' missieru, ma gab ebda prova dokumentarja in propositu. Ma gab xejn, lanqas ma giet esebita l-formula P3 relattiva ghas-snin 1998 u 1999 li missieru Angelo Buttigieg fid-deposizzjoni tieghu kien pprometta li jesebixxi.[1] Inoltre, l-fatt li lil Sean Bartolo kien hallsu b' din ir-rata ma jwassalx necessarjament ghall-fatt li lill-attur kien ihallsu bl-istess rata. Ghaldaqstant f' dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li din ir-rata ghandha tigi ridotta ghal Lm12 kuljum.

Illi l-istess nuqqas ta' prova sodisfacenti tesisti anke dwar l-ammont ta' flus li nefaq l-attur fix-xiri ta' medicini. Ghalkemm, ma hemmx dubbju li l-attur kellu jiehu l-pilloli ghall-ugigh, izda dwar l-ammont tal-ispiza ma hemmx provi adegwati. Ghaldaqstant din il-Qorti, qeda *arbitrio boni viri* talloka s-somma ta' wiehed u tletin lira maltin [Lm31] biex ikopru spejjez ta' medicini u tobba.

Illi minn naha l-ohra, din il-Qorti hija propensa li taccetta bhala vertiera l-allegazzjoni tal-attur, li matur il-perijodu fuq indikat, li jammonta ghal disa u erbghin [49] gurnata, dana ma kienx fil-posizzjoni li jkompli bix-xoghol ta' xufier li kien jaghmel immedjatament qabel l-incident.

Illi in bazi tal-premezz, il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz id-danni li ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attur jammontaw ghas-somma ta' hames mitt lira maltin [Lm500] rapresentanti:

[1] Deposizzjoni 6 Gunju 2001 – Fol.57

Telf ta’ paga ghal 49 days bir-rata ta’ Lm12 kuljum Lm588 –
Somma ta’ flus mhallsa lill-attur mill-imghallem tal-konvenut Lm119
Bilanc
.Lm469 +
Spejjes ta’ medicini u tobba
31
Bilanc
Lm500

Illi rigward l-ispejjez tal-proceduri, il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm temperament, kemm minhabba li jidher li l-konvenut ma kienx ikkontesta r-responsabilita’ tieghu, kif ukoll minhabba l-fatt li l-eccezzjoni tieghu li l-ammont mitlub kien esagerat tirrizulta parzjalment sostenibbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett in parte tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, tillikwida d-danni sofferti mill-attur rizultat tal-incident fuq indikat fl-ammont ta’ hames mitt lira maltin [Lm500], tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal dawn id-danni, u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta’ Lm500.

L-ispejjez tar-registru ghandhom jigu sopportati mill-kontendent fi kwoti wgwali bejniethom, il-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------